IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

## Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 29

13 ta` Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta` apologija

## 29.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 28(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>

29.1.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li kellhu komunikat mas-Sur Johnny Zerafa fejn stiednu sabiex issir laqgha mieghu fl-ufficini tal-Kunsill. *(Minuti 28(07) 28.1.1)*

29.1.2 Dwar il-cameras tal-pjazza, il-Kunsill gie nfurmat li saret laqgha ma` rapprezentanti tal-LESA dwar l-installazzjoni tal-cameras fil-pjazza, fejn anke gew iccirkulati l-minuti tal-laqgha. Matul din il-laqgha li saret, ir-rapprezentanti tal-LESA qalu li ghandhu jsir case study sabiex tigi nstallata din il-camera biex wiehed jkun jista` jara jekk hux viabbli li ssir. Ghal dan il-case study irid jintbghat warden ghall-hmistax il-gurnata. Sur Mizzi qal li huwa jibqa` jinsisti li ghandha titwahhal camera u mhux li jintbaghat gwardjan lokali. Is-Sur Zerafa qal li minn naha tal-LESA l-installazzjoni tal-camera qed jigi kkusidrat biex jekk hux qed trendi finanzjarjament u mhux minn aspett edukattiv. Is-Sur Gellel qal li mhux qed jaraw l-edukazzjoni tan-nies. Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandhu jibqa` jinsisti biex tigi nstallata camera fil-pjazza u mhux jintbghat gwardjan lokali u jekk  il-kumpanija tara li din il-camera mhux trendi ghall-spejjez li jkunu saru, il-Kunsill jabel li joffri l-internet. Trevor issekonda ghal dan il-proponiment u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. *(Minuti 28(07) 28.1.3)*

29.1.3 Is-Sindku qal li ghandu jinstab post alternattiv ghall-parkegg li ser jitnehha biex issir parkegg ghal tal-linja. *(Minuti 28(07) 28.1.4)*

29.1.4 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jsir kuntatt mal-ghassa ta` Haz-Zabbar sabiex il-Kunsill jiccekja jekk din il-lapida li kienet imwahhla mall-Palazz tal-Kapillani tal-Ordni ghadhiex l-ghassa ta` Haz-Zabbar sabiex il-Kunsill ikun jista` jaghmel ohra bhala. *(Minuti 28(07) 28.2.1)*

29.1.5 Is-Sindku, is-sur John Boxall informa lil dawk prezenti li ftit tal-jiem ilhu giet Malta l-artista kanadiza, s-Sinjura Minardo u flimkien ma` Fr. Marius Zerafa ntaghqu mall-Perit Claude Busuttil dwar il-process li ghaddejin bih tal-installazzjoni tal-istatwi.*(Minuti 28(07) 28.2.4)*

28.1.6 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li ntbaghtu l-kwotazzjonijiet tar-restawr tal-hitan u aperturi u kif ukoll ta` toghrik tal-madum tal-kamra ta` fuq ta` fejn is-sala lis-Sur Giovann

Farrugia. Is-Sindku zied jghid li ghad fadal tingab kwotazzjoni tal-fittings ta` dawl. Is-somma tal-kwotazzjonijiet li ngabu sa issa kienet ta` €6,641.98 Vat inkluz *(Minuti 28(07) 28.2.5)*

## 29.2 Korrispondenza

29.2.1 Mibughta korrispondenza dwar progett li jaqa` taht Med Programme sabiex il-Kunsill jibghat jekk huwiex interessat li jkun partner. Il-Kunsill qabbel li juri l-interess tieghu dejjem jekk huwa ta` beneficcju ghall-Kunsill.

29.2.2 Giet moqrija l-ittra li ntbaghtet lill-Onorevoli Evarist Bartolo dwar talba sabiex ex skola sekondarja Lorenzo Gafa tigi rilaxxata sabiex issir minflok dar tal-anzjani.Ghal din it-talba, l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra mill-Principal tal-Kullegg Sta. Margerita fejn il-Kunsill gie nfurmat li din il-binja ma tistax tigi rillaxxata kif kien mitlub mill-istess Kunsill. Il-Kunsill gie mgharraf ukoll mill-Ministeru tal-Edukazzjoni li ser issir komunikat mis-Sinjura Mc Namara dwar din il-pozizzjoni. Is-Sur Mizzi u Sur Gellel qalu li l-Kunsill ghandhu jibqa` jinsisti u ma jaccetax ir-risposta li nghatat ghat-talba tal-Kunsill. Is-Sur Attard qal li waqt il-laqgha li kellhu tar-Riabilitazzjoni huwa tah l-opinjoni tal-Kunsill kif kienet giet diskussa. Is-Sur Gellel qal li l-iskola primarja ta` Santu Rokku mhux tintuza kollha u ghalhekk jista jsir trasferiment tal-Resource Centre f`din l-iskola u dar tal-anzjani tkun tista` ssir fl-ex skola sekondarja. Is-Sur Boxall qal li jkun ahjar jekk jaghmel kuntatt mas-Sinjura Mc.Namara. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

29.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li bghat ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar kont tal-linja tal-mobile, fejn is-Sur Boxall qal li kellhu jhallas xi kontijiet huwa personali peress li l-kont tal-Kunsill kien qed jigi fuq ismhu. Dwar din l-ittra, id-Direttur nforma lis-Sur Boxall li ser jghaddi l-istess korrispodenza lis-sezzjoni tal-Moniterragg.

29.2.4 Mibughta ittra sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu juri l-interess tieghu sabiex jinghaqad fi progett relatat mar-restawr ta` torrijiet li huma attrazzjoni turistika. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan il-progett.

29.2.5 Mibughta stedina mill-President ta` *"Network Most Beautiful Villages of Palestine MBVP"* ghal festival bl-isem "Spring Festival" li ser ssir fl-14 ta` April fil-belt ta` Sabastiya. Dan il-festival huwa sponsorjat mill-Ministeru ta` Turizmu u kollox huwa mhallas minbarra l-passaggi tal-ajru.

29.2.6 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra minghand is-Sur Carmel Pule fejn ssugeriexa lill-istess Kunsill sabiex lis-Sur Joseph Pule, persuna mill-Birgu tigi rikonoxuta b`Gieh il-Birgu. Is-Sindku qal li l-Kunsill aktar `il quddiem ghandhu jikkonsidra dan is-suggeriment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

29.2.7 Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jerga jhallas ir-*renewal fee* tal-website.

29.2.8 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti b`ittra li ntbaghtet dwar approvazzjoni ta` permess sabiex it-train Hippity Hop tibda tieqaf fil-pjazza tal-Belt Vittoriosa waqt li tkun qed taghmel id-dawra taghha fl-istess lokalita biex tghabbi u tnizzel ghal ftit hin.

29.2.9 Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva ittra mill-Head tal-Iskola Primarja tal-Birgu dwar attivita dwar Hans Christian Anderson li ser ssir fl-20 ta` April flok fil-31 ta` Marzu 2017.

29.2.10 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti b`korrispondenza li rcieva minghand is-Sinjura Miriam Fiorini, fejn l-Kunsill gie nfurmat li l-esebizzjoni mhux ser ssir fil-Berga tal-Ingliterra.

29.2.11 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie mitlub mid-Direttur tar-Restoration Unit sabiex jigi provdut lilhom access ghall-kamra bhala store fejn il-haddiema tad-Direttorat ikunu jisghtu jzommu l-ghodod taghhom.

29.2.12 Giet moqrija talba li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Mario Farrugia mill-Fondazzjoni Wirt Artna dwar proposta biex jitwaqqaf monument li jfakkar l-internati tal-Gwerra biswiet il-Forti Salvatur. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u gie deciz li ssir laqgha mas-Sur Farrugia.

29.2.13 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kien hemm qbil mit-tlett ibliet tal-Kottonera dwar il-gemellag mal-belt ta` Beyoglu fi-Turkija. Is-Segretarju Ezekuttiv ta` Bormla bghat korrispondenza lis-Sur Franklin Aquilina dwar dan il-qbil.

29.2.14 Is-Sur Boxall iforma lil dawk prezenti dwar il-pagament li l-Kunsill ircieva minghand is-Socjeta Muzikali San Lawrenz ghal kera ta` parti mill-garage tal-istess Kunsill. Is-Sur Boxall qal li l-ftehim wasal biex jiskadi u hemm klawsola fl-istess ftehim li torbot lill-Kunsill sabiex jgedded dan il-ftehim. Gie dikuss jekk il-Kunsill ghandhux igedded dan il-kuntratt jew le, u jekk il-kera tigiex mizjuda skond l-gholi tal-hajja. Barra minn hekk is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandhu kawza l-qorti ma` l-istess Socjeta dwar ix-xita li kienet dahlet fl-istess garage. Bi qbil unanimu gie deciz li jinqala` l-file u jinghataw il-karti lill-avukat sabiex il-ftehim jigi rregolarizzat.

29.2.15 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill talab lill diversi Kunsilli kopja ta` bye law relatata ma` dghajjes u yachts fuq l-art u dan wara li l-istess Kunsill gie mgharraf minn Dipartiment tal-Gvern Lokali li m`hemmx permessi x`jinhargu mill-Kunsill ghal tqeghid ta` dghajjes fuq l-art u gie ssuggeriet biex il-Kunsill jaghmel bye law.
Barra minn hekk gie deciz unanimanet li l-karrijiet li ilhom miltuqin ghal bosta xhur jigu nfurmati bihom il-pulizija sabiex jitnehhew.

29.2.16 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva talba sabiex jinghata permess biex l-Ghaqda Muzikali San Guzepp Kalkara tahraq in-nar mill-area maghrufa bhala Xewkija,l-Birgu fl-okkazjoni tal-festa ta` titular ta` San Guzepp, il-Hamis 13, is-Sibt 15 u l-Hadd 16 ta` Lulju 2017. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex dan il-hruq

tal-art issir fil-post imsemmi u jireseva dritt sakemm jibda l-progett ta` din iz-zona.

29.3 Taghrif dwar il-Munument ta` La Vallette quddiem Couvre Porte

Is-Sindku, s-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li huwa flimkiem mal-Perit Claude Busuttil u l-avukat Dr. Ian Stafrace attendew ghas-seduta tal-appell li l-istess Kunsill kien ressaq. Il-Kunsill ser jigi nfurmat b`ittra bid-decizjoni li ser tkun ittiehdet.

29.4 Taghrif dwar il-konferenza tal-Assoccjazzjoni AVEC fil-Birgu

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hafna mill-affarijiet huma lesti ghal din il-konferenza fejn l-istess Kunsill ha hsieb li jgib kwotazzjonijiet ghall-interpreti, kif ukoll ghall catering. Is-Sur Boxall zied jghid li l-konferenza ser ssir fis-sala tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar il-Gimgha 7 ta` April 2017.

29.5 Taghrif dwar il-Munument tal-Monsinjur Dun Guzepp Caruana

Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill bghat l-informazzjoni kollha tal-post il-gdid li gie deciz fil-Kunsill lil Perit sabiex ikun jista` jmexxi bl-applikazzjoni. Il-Kunsill talab ukoll kwotazzjoni ghall-kolonna tal-rham li jrid jistrieh il-bust fuqha.

Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill gie nfurmat li l-artist li tah lill-Kunsill Lokali tal-Birgu l-pittura ta` La Vallette, ghandhu xi bicciet ta` pitturi ohra li jixtieq jirregalhom lill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li matul is-sena 2016, il-Kunsill nefaq 1,438.64 f`diesel ghal van tal-Kunsill sabiex jsir il-qadi u xoghol ta` kuljum inkluz is-servizz tal-buly refuse.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall ipprezenta lill-Kunsill l-Annual Budget ghas-sena 2017. Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta` dan ir-rapport kif gie ipprezentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku prezenta l-ittra li huwa kif ukoll l-kunsilliera minbarra s-Sur Eman Zerafa u s-Segretajru Ezekuttiv ircivew minghand l-avukat ghan-nom tas-Sinjura Antonia Belfiore dwar malafama u kliem inaccetabli fil-performance appraisal tas-Sinjura Belfiore. Il-Kunsill idecieda li jghaddi din l-ittra lill-avukat.

Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

Is-Sur Anton Gellel issugerriexa sabiex jergghu jitwahhlu l-bankijiet li kien hemm taht il-bakery.

Is-Sur Gellel nforma lil dawk prezenti li l-matul il-gurnata tal-Easter, il-kazin tal-

football u l-kazin ta` nazzjonalisti ser jikru mobile toilets fi Triq Desain. Il-Kunsill idecieda li l-kuntrattur responsabbli jhalli depozitu ta` mitt ewro u jrid inehhi kollox sal-hamsa ta` filghaxija.

Is-Sur Lawrence Attard propona sabiex quddiem il-hanut Cafe Riche ssir loading/un loading bay u dan ghal fatt li sid il-hanut stess qed jaqla diversi citazzjonijiet minhabba li m`hemmx fejn jipparkja biex ihott. Is-Sur Boxall talab lis-Sur Attard sabiex jitlob lil sid il-hanut kemm qala` citazzjonijiet.

## 29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3401 – 3439, fejn cekk numru BOV 3420 u BOV 3429 gew kkancellati, u HSBC cekkijiet bin-numru 9625-9628. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 15 ta' Frar, 2017 sa 13 ta` Marzu, 2017.

## 29.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghaxra ta` filghaxija (8:10pm)u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 30 ghat-Tnejn 3 ta' April 2017 fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm)

Konfermati, 25 ta` April 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |